# Ir-rifjut tal-Gvern li jikkontrolla l-kaċċa għall-Gamiema – speċi taħt theddida – juri kemm il-ħarsien ambjentali hu biss eżerċizzju kożmetiku

F'laqgħa tal-Kumitat ORNIS li saret illum it-18 ta' Awwissu, BirdLife Malta għamlitha ċara li l-kwota li qed tkun proposta għall-kaċċa ta' 500 Gamiema tul Settembru hija farsa, u tinjora t-twissijiet li l-Gamiema (European Turtle-dove) tinsab f'periklu serju.

Il-Kumissjoni Ewropea qed tagħmel pressjoni biex isir sforz mifrux madwar l-UE li jgħin fl-irkupru tal-Gamiema li n-numri tagħha qegħdin kulma jmur jonqsu, u b'risposta għal dan il-Gvern ta' Malta ppropona li titnaqqas il-kwota tal-kaċċa fil-ħarifa għal 500 għasfur meta fir-realtà, fl-aħħar ħames snin, bejn l-2016 u l-2020, it-total ta' Gamiem li kien iddikjarat bħala kkaċċjat u maqtul mill-kaċċaturi kien 809, medja ta' 162 għasfur fis-sena **(ara t-tabella aktar 'l isfel u mehmuża)**.

Li tippermetti l-kaċċa għal 500 Gamiema fil-verità jkun ifisser tliet darbiet aktar mill-medja tal-aħħar ħames snin, ibbażat fuq l-ammonti li ddikjaraw il-kaċċaturi Maltin stess.

Il-Kumitat ORNIS, iffurmat primarjament minn persuni appuntati politikament, ivvota favur il-kwota l-ġdida tal-Gamiem u kienet BirdLife Malta biss li opponietha waqt li ddikjarat li m'għandu jkun hemm l-ebda kaċċa għall-Gamiem minħabba l-istatus Vulnerabbli tal-għasfur.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Malta paroli biss għandha dwar il-ħarsien ambjentali. L-amministrazzjoni attwali, permezz tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (Wild Birds Regulation Unit, WBRU), hija lesta li għal darba oħra tikkuntenta lil-lobby tal-kaċċaturi u ma tbiddilx il-prattiċi ħżiena. Il-Gamiema ma tistax tkun speċi kaċċabbli aktar. Aktar minn hekk, il-kaċċaturi Maltin u l-awtoritajiet ma jistgħux ikunu fdati bir-rappurtaġġ jew ir-rispett tal-kwoti. Il-Gvern Malti, permezz tad-WBRU, qed jgħaddi lill-Kummissjoni Ewropea biż-żmien. Fil-fatt 2.7% biss tal-kaċċaturi

f'Malta jippartecipaw fis-sistema tar-rappurtaġġ tal-qbid u m'hemm l-ebda indikazzjoni li din is-sitwazzjoni se titjieb."

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**
- Il-Gamiema (Ritratt ta' Aron Tanti, BirdLife Malta)
- Tabella b'tagħrif mill-Carnet de Chasse li juri l-ammont ta' Gamiem maqtul bejn l-2013 u l-2020 kif iddikjarat mill-kaċċaturi stess

| Data from Carnet de Chasse | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Amounts of turtle-doves declared shot | | | | |
| | sep | oct-jan | total | |
| 2020 | 172 | | 172 | total in past five years 809 average of 162/yr |
| 2019 | 261 | | 261 | |
| 2018 | 152 | | 152 | |
| 2017 | 101 | | 101 | |
| 2016 | 123 | | 123 | |
| 2015 | 3155 | 540 | 3695 | |
| 2014 | 1382 | 1101 | 2483 | |
| 2013 | 6897 | 537 | 7434 | |